22001D0056

L 165/62 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.6.2001

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 56/2001

## tat-18 ta' Mejju 2001

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 8/2001 tal-31 ta' Jannar 2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-*landfill* ta' l-iskart ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 32ċa (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/774/KE) fl-Anness XX għall-Ftehim:

"32d. **399 L 0031**: Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar il-*landfill*ta' l-iskart (ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-19 ta' Mejju 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

---

([1]) ĠU L 66, tat-8.3.2001, p. 50.
([2]) ĠU L 182, tas-16.7.1999, p. 1.
(*) Ħtiġiet kostituzzjonali indikati.